# 175 Sena Tindokra l-Bajja Ewlenija Tagħna

*Id-data tal-1836, li hemm imnaqqxa mal-kolonna li fuqha hemm l-istatwa ta' San Ġiljan tal-ġebel fuq xaqliba minnhom tal-pjazza ewlenija tal-lokalità tagħna – Pjazza Qalb ta' Ġesù – fil-Bajja ta' Spinola, tindika li din l-istatwa saret jew tal-anqas tqiegħdet hemm f'dik is-sena. U allura dan ifisser li l-imsemmija statwa ilha tindokra l-bajja ta' ġewwa, fil-qalba tal-parroċċa tagħna, għal dawn l-aħħar mija u ħamsa u sebgħin sena. Għal din l-okkażjoni qed nippreżentawlkom hawnhekk, ġabra ta' siltiet minn kitbiet ta' awturi magħrufa u mhumiex, li lkoll għandhom riferenza għal din l-istatwa jew għall-avvenimenti, ġrajjiet u drawwiet marbuta magħha.*

Dun Anton Sciberras, is-saċerdot li tant ħabb lil din il-lokalità u l-parroċċa li żviluppat fi ħdanha, bir-raġun kollu, jirreferi għal din l-istatwa bħala "l-aktar *landmark* antika, minħabba l-fejqan li kien jingħad li jsir fit-trabi meta kienu jniżżluhom fil-menqa ta' taħtha u kienu jiġu n-nies minn kullimkien igawdu l-festa ta' Lapsi."

*Silta minn "Is-Subborg Tagħna" sensiela ta' kitbiet li kienu ppubblikati f'*Il-Mixja *fl-1994, u riprodotti f'* Dun Anton Kitbietu Miġbura Vol. 2 *ta' Andrew Borg. Dun Anton Sciberras jerġa' jsemmi din l-istatwa f'kitba oħra tal-1995 "*Pjazza Spinola*", li dehret fil-pubblikazzjoni tal-Banda Spinola għall-festa ta' dik is-sena, pp. 77-83.*

## DRAWWA ANTIKA

San Ġiljan hu assoċjat ukoll ma' ċerti ritwali qodma marbuta ma' twemmin popolari fit-tfal mibdulin. In-nies kienu jemmnu li erwieħ ħżiena kienu jibdlu t-trabi u jqiegħdu minn flokhom oħrajn tagħhom – bil-Malti nsibu lil dawn it-trabi bħala "mibdulin". Tfal li jimirdu bil-*kala azar*, marda tal-milsa li bil-Malti jsibuha bħala "il-marda tal-biċċa", kienu jqisuhom bħala mibdulin; trabi jbatu bil-ħuttafa, marda qerrieda, ukoll kienu jqisuhom bħala "mibdulin". Kienet drawwa komuni li jieħdu 'l dawn it-tfal f'xi knisja mwarrba fil-kampanja jew ħdejn xi niċċa jew nixxiegħa qrib il-baħar u kienu jitolbu lill-qaddis biex iroddilhom lura 'l uliedhom. Drawwiet bħal dawn biex ireġġgħu t-trabi għand ommijiethom kont issibhom f'għadd ta' nħawi ta' Malta, l-aktar f'Wied il-Għajn, iż-Żurrieq fil-ħerba tal-knisja ż-żgħira ta' San Ċir, u fis-Santwarju tal-Qala Għawdex.



Riti ta' din l-għamla f'San Ġiljan insibuhom imsemmijin bikri fl-1839. Filfatt naqraw fil-*Handbook or Guide for Strangers Visiting Malta* ta' MacGill (p. 117) li n-nies "ta' qrib ta' San Ġiljan u fi mkejjen oħra tal-gżira għandhom drawwa stramba li jidfnu kemm tfal u kemm kbar li qed ibatu bid-deni u b'mard ieħor, f'ħofor u oqbra fit-tajn li jinġabar in-naħa tal-bajja ta' ġewwa ta' San Ġiljan, u jħalluhom hemm għal xi żmien; jemmnu li b'hekk se jeħilsu mill-mard li jkollhom." Fil-*Malta Times* tat-2 t'Awwissu 1853 dehret ittra ffirmata *A Traveller* li fiha dan qal li f'San Ġorġ huwa ra erba' trabi mgħaddsin kollha kemm huma sa għonqhom, u rashom biss kienet ħierġa minn ġor-ramel. Meta talabhom ifissrulu x'kienet il-biċċa, ix-xjuħ tal-post qalulu illi "ommijiet kienu jieħdu hemm it-tfal morda, u jħalluhom mgħaddsin fir-ramel għal nofs siegħa, waqt li l-omm tmur u titlob quddiem monument żgħir li fuqu kien hemm statwa ta' San Ġiljan, b'kelb ħdejn saqajh. Wara li tgħaddi n-nofs siegħa, it-tifel kienu joħorġuh minn ġor-ramel u jgħaddsuh għal ħafna drabi f'bir li l-ilma kiesaħ u salmastru tiegħu kien jgħaddi mal-ġenb t'isfel tal-pilastru għal ġol-baħar, u jeħduh id-dar...; il-qlejba jew ħarqa li fiha tkun imgeżwra t-tarbija kemm iddum mgħaddsa fir-ramel kienu jħalluha warajhom bħala għotja lill-qaddis."

Din id-drawwa damet ħafna sa ma nqatgħet. Sir Temi Zammit isemmiha; igħid li l-istatwa ta' San Ġiljan kienet twaqqfet fl-1836 u li min jara xi marid kont tisimgħu jgħid il-qawl: "Mur indifen San Ġiljan". Meta imbagħad imlew bil-ġebel il-menqa fejn kienet issir din l-użanza, u wessgħu l-moll u t-triq, kien tbattam kollox u n-nixxiegħa b'xi mod sabet kif tibqa' sejra għal ġol-baħar.

F'San Ġiljan l-omm kienet titlob hekk lill-qaddis: "Dak mhux ibni,/Bdilthuli,/ Tfejjaqhuli/Jew inħallihulek f'wiċċek."

L-ilbiesi tat-tarbija dejjem kienu jinsarru u jindifnu fir-ramel u l-ħamrija għax kienu jemmnu li b'hekk il-marda tindifen magħhom; kienu jaħsbu li kont tista' teħles mill-marda billi trikkibha għal fuq il-ħwejjeġ.

*Din is-silta hi meħuda minn: FIORINI, Prof. Stanley, 1992,* San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991, *Deer Publications, Malta, p. 61-63. Ir-riferenza għal SIR TEMI ZAMMIT hija għall-kitba tiegħu* f'Il-Malti *nru. 133 ippubblikat fl-1935.*

## KELB, GĦAŻŻIELA JEW ĊERV

Fis-silta li għadna kif qrajna r-riferenza hija għall-istatwa b'kelb ħdejn riġlejha. Fis-silta li se nġibu hawnhekk, miġjuba mill-ktejjeb ta' Sir Temi Zammit, l-istess statwa jingħad li għandha għażżiela qrib riġlejha. F'xi edizzjonijiet antiki tal-Bibbja bil-Malti l-kelma għażżiela tintuża' flok ċerv, u allura nistgħu nikkonfermaw li San Ġiljan, dejjem ċerv kellu, qrib riġlejh. It-tagħrif li jagħti Zammit dwar din l-istatwa jgħid hekk:



'Lejn ix-xatt tat-tieni ramla, fl-1836, twaqqfet statwa ta' San Ġiljan bil-għażżiela ħdejn saqajh. Fl-art taħt l-istatwa kien hemm menqa żgħira tinżel għaliha bi tliet tarġiet, dejjem mimlija bl-ilma, tifwir ta' nixxiegħa żgħira li kienet tbaqbaq fiha f'nofs ir-ramel li kien jinġabar fil-qiegħ. Il-fidi tan-nies kienet qawwija fl-imgħoddi u San Ġiljan kien magħruf bħala tabib tat-tfal morda, l-aktar dawk bil-marda tal-biċċa. Kont tara l-ommijiet iqandlu t-tfal taħt l-istatwa tal-qaddis, ineżżgħuhom u jgħoddsuhom sa għonqhom fir-ramel u fl-ilma. "Mur indifen f'San Ġiljan" kien bħal qawl ta' min jara xi marid. Illum il-menqa ntliet bil-ħaġar u meta sewwew il-moll u wessgħu t-triq tbattam kollox u n-nixxiegħa baqgħet sejra lejn il-baħar.

*Silta minn* Tas-Sliema u San Ġiljan, *ta' Sir Temi Zammit, 1930, p.12*

## "MUR INDIFEN F'SAN ĠILJAN!"

Guido Lanfranco jagħtina aktar tagħrif dwar kif tnisslet din l-espressjoni li dari kienu jħobbu jgħidu l-Maltin. Huwa jfisser kif fiż-żmien li qed jitkellem dwaru 'ix-xjenza ma kinitx għadha avvanzata biżżejjed', u minħabba f'hekk ħafna mard kien ikun misterjuż. It-tfal kellhom il-ħabta jimirdu aktar, u l-istess, filwaqt li kien hemm mard li s-sintomi tiegħu kienu magħrufa... 'kien ikun hemm tfal li dejjem ikunu debboli, jidhru morda

u bla ħeġġa, iżda ħadd ma kien jista' jgħid x'kellhom'. Lanfranco jissokkta jiddeskrivi x'kienu jagħmlu n-nies ta' dak iż-żmien: 'Kienu jieħdu lit-tarbija jew tifel jew tifla żgħira ħdejn xi post misterjuż biex bħallikieku jaqbad mad-dinja l-oħra fejn jinsab ix-xitan, u jħallu t-tarbija hemm, filwaqt li jgħidu xi talba jew x'inkantazzjoni li fis-sustanza tagħha tkun qed titlob li t-tarbija terġa' tinbidel lura, u tirritorna tagħhom li kienet aktar f'saħħitha. Kienu jmorru ħdejn il-baħar jew xi għadira kbira f'artijiet oħrajn, iżda f'Malta aktar kienu jsibu l-baħar fil-qrib. ...

F'San Ġiljan, fil-bajja ta' Spinola, kien hemm ramla ċkejkna tixbah oħrajn li kien hawn l-Imsida, Marsaskala u mkejjen oħrajn qrib il-baħar. Bħal dawk l-imkejjen ukoll kien hemm nixxiegħa ta' ilma li kienet tinżel il-baħar. F'San Ġiljan kien hemm nixxiegħa taħt fejn hemm l-istatwa ta' San Ġiljan fuq il-pedestall ta' Spinola. Għalkemm fl-imgħoddi kienu jieħdu'l uliedhom morda biex jerġgħu jinbidlu lura ħdejn il-baħar, biż-żmien bdiet tintesa din it-tradizzjoni, iżda xorta baqgħu jieħdu t-tfal morda b'xi ponot jew mard u infezzjoni fil-ġilda, għax billi kien hemm it-tradizzjoni ta' fejqan f'San Ġiljan u fl-Imsida, fejn kien hemm in-nixxiegħa ta' ilma ġieri, baqgħu jeħduhom, jidfnuhom ġor-ramel, u wara jlaħalħuhom fin-nixxiegħa bil-fehma li dak l-ilma kellu kwalitajiet ta' fejqan.'

*Silta minn* "Mur Indifen f'San Ġiljan!", *Guido Lanfranco f'*San Ġiljan Festa 1991, *p. 21*



## IL-MENQA U L-ISTATWA TA' SAN ĠILJAN

Il-qaddis, il-patrun tagħna, il-kavallier, is-suldat, il-kaċċatur, fit-tieni parti ta' ħajtu sar it-tabib, l-infermier u l-ospidalier. Għal ħafna raġunijiet għandna nkunu kburin bil-patrun tagħna. Għalkemm huwa msejjaħ konfessur, hawn Malta, u iktar u iktar fis-subborg tagħna li għalih hu msemmi, ġie bid-dritt kollu mogħti titlu ta' tabib. Din it-tama f'San Ġiljan, ilha ssaltan f'Malta żgur qabel is-sena 1800, u mis-seklu tmienja 'l hawn f'Ruma ukoll, meta sptarijiet tqiegħdu taħt il-patronċinju tiegħu. ...

Joseph Storace, fil-kitba tiegħu jkompli jgħidilna hekk: 'Ħaġa li tolqtok fis-subborg ta' San Ġiljan hija l-istatwa tal-Qaddis Patrun tagħna li twaqqfet 114-il sena ilu (din il-kitba ġġib id-data ta' 1951), jiġifieri fl-1836, li qiegħda fit-tarf tat-triq ewlenija, għaliex kien hemm nixxiegħa żgħira li tfawwar minn taħt il-bażi tal-istatwa, għal ġol-bajja. Fl-art ħdejn l-istatwa kien hemm menqa żgħira. Ma kinitx fonda u kellha tliet tarġiet li jagħtu għar-ramla. Din il-menqa kienet timtela permezz ta' xmara żgħira taħt l-art li kienet tfawwar fin-nofs tal-qiegħ ramli.'



*F'dan ir-ritratt antik l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan tidher fil-bogħod, fuq in-naħa tal-lemin. Fl-isfond fuq ix-xellug jidher ukoll il-Palazz Spinola, filwaqt li fuq quddiem tar-ritratt jispikkaw l-għelieqi li llum għosfru taħt il-bini li tela' fl-inħawi. Dan ir-ritratt u l-oħrajn li qed jidhru ma' dan l-artiklu jinsabu merfugħa fl-Arkivju San Ġiljan li hemm fuq is-sagristija tal-Knisja ta' Lapsi.*

Bir-raġun kollu n-nies ta' San Ġiljan kellhom tama kbira fil-qaddis patrun tagħhom bħala tabib, speċjalment tat-tfal li jbatu bil-marda tal-biċċa. Allura l-ommijiet kienu jieħdu lil uliedhom ħdejn din ix-xmara żgħira li kienet tissejjaħ "ix-xmara ta' San Ġiljan", u wara li jneżżgħuhom, idaħħluhom fl-ilma tal-menqa kif jagħmlu lill-morda ta' Lourdes illum. Waqt li t-tarbija kienet tkun fl-ilma l-ġenituri u qrabathom kienu jitolbu lil San Ġiljan għall-fejqan ta' uliedhom. Nies imdaħħla fiż-żmien u li għadhom ħajjin u joqogħdu f'San Ġiljan għadhom jiftakru ż-żmien meta l-qawl "Mur inħasel f'San Ġiljan" kien jinstema' spiss f'ħafna bnadi ta' Malta, qawl li tnissel mid-devozzjoni ta' dawk li kienu joqogħdu San Ġiljan u oħrajn li ma kienux meta kienu jniżżlu'l uliedhom fil-menqa. Huwa ta' min imaqdar li meta t-triq twessgħet u l-bajja kienet imsewwija, il-menqa ġiet mimlija bid-*debris*, u issa saret tagħmel parti minn *High Street* u *Spinola Square*.'

Silta minn *San Ġiljan - Il-Ħajja tal-Qaddis u l-Istorja tas-Subborg*, ta' J. Storace, 1951, p. 34-35.